**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 21 ta' Marzu 2018**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**Vs**

**JOHN MIZZI**

Kump Nru. 1034/2009

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **John Mizzi** detentur tal-karta tal-identita b'numru 246090M, gie akkuzat talli b'diversi atti maghmulin minnek ukoll jekk fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Nhar is-26 ta' Mejju 2009 ghall-habta tas-2:30pm u hinijiet wara fil-hanut Falcar Ltd. sitwat fi Triq San Guzepp Hamrun, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiku foloz, jew billi nqdejt b'qerq iehor, ingann, jew billi wrejt haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezisentza jew ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, ghamilt qligh ta' €1,406.82 f'accessorji tal-vetturi ghad-dannu ta' Jonathan Falzon mill-Mosta.

2. U aktar talli fis-27 ta' Mejju 2009 ghall-habta tal-5:30pm u hinijiet wara fil-hanut bl-isem 'Tip Top' li jinsab fi Triq San Tumas Fgura b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki, foloz, jew billi nqdejt b'qerq iehor, ingann, jew

billi wrejt haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza jew ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, ghamilt qligh ta' €1,129 f'apparat tal-HI FI ghad-dannu ta' Joseph James Vella minn Hal Tarxien.

3. U aktar talli fl-1 ta' Gunju 2009 fil-hanut bl-isem Auto Style Ltd. li jinsab f'Telghat Rahal Gdid b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq iehor, ingann, jew billi wrejt haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezisentza jew ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, ghamilt qligh ta' €478 f'accessorji tal-vetturi ghad-dannu ta' Mario Briffa minn San Gwann.

4. U aktar talli fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi ghamilt qligh iehor b'qerq cioe il-qligh ta' diversi accessorji tal-vetturi u apparat tal-HI FI ghall-valur ta' madwar €3,013.82 gha-dannu tal-imsemmija Mario Briffa minn San Gwann, Jonathan Falzon mill-Mosta u John James Vella minn Hal-Tarxien.

5. U aktar talli ksirt il-provvediment tal-Artikoli 7 tal-Kap.446, liema kundizzjonijiet gew impost fuqek mill-Qorti tal-Magistrati Malta mill-Magistrat Dr. E. Grima fit-30 ta' Lulju 2008.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tal-5 t'Ottubru 2009 (ara *folio* 6) sabiex din il-kawza titmexxa bil-procedura sommarja

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Rat fuq kollox il-verbal tas-seduta ta` llum stess fejn, *inter alia*, l-imputat irriafferma l-ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu li huwa kien ghamel propju fl-udjenza tal-1 ta' Frar 2011 (ara folios 12 u 13) u kompla jinsisti fuq din l-ammissjoni anki wara li l-Qorti taghtu zmien biex jahsibha skond il-ligi;

Semghet lill-ufficjal prosekutur u lid-difensur tal-imputat jaghmlu sottomissjonijiet dwar il-piena;

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-atti, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet imsemmija migjuba kontra tieghu gew sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghhom.

**Ikkunsidrat**;

In tema ta` piena din il-Qorti qed tikkonsidra :

1. l-fattur tal-ammissjoni ta` l-imputat,
2. In-natura serja tar-reati kommessi;
3. Il-fedina penali ta` l-imputat;
4. It-trapass taz-zmien;
5. Il-fatt, mhux ta' ftit importanza, li fil-mori ta' din il-kawza l-imputat hallas kollox lura lill-vittma f'dan il-kaz;

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446. Dan hu parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat li l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 jista jigi applikat sahansitra ghal reat punibbli bi prigunerija ghal zmien li jeccedi seba snin izda mhux aktar minn ghaxar snin.

Illi b'rispett lejn dak li jikkontempla l-imsemmi Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti hi tal-fehema li, fil-qies tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, ma hux spedjenti li twahhal piena.

**Decide:**

**GHALL-DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17,18, 31, 308 u 309, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil John Mizzi hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u peress li jissussistu l-elementi idoneji, tillibera lill-istess John Mizzi bil-kondizzjoni li ma jaghmel ebda reat matul il-perjodu ta` tlett (3) snin mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fissret lil John Mizzi fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur